# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elliott Magro]**

**vs**

**Joseph Degiovanni**

**Kumpilazzjoni Numru: 627/16**

**Illum, 4 ta' Frar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Joseph Degiovanni detentur tal-karta tal-identita` numru 0199868M akkuzat talli nhar il-25 t'Awwissu, 2016 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu, fi Triq Hal Qormi, Santa Venera:

1) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla

Landrover bin-numru ta' registrazzjoni IBS-391, liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt ewro (2500) saret ghad-dannu ta' Robert Abela minn Ta' Sliema, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe' Robert Abela, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkotemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni libera u nkondizzjonata mill-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri u cioe' fl-ezami li sar quddiem din il-Qorti nhar l-ghoxrin (20) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu;

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentanta ta' England Insurance Agency <u>**Gabriella England**</u> li kkonfermat li l-ammont tal-hsarat subiti mill-parte civile fuq vettura tar-registrazzjoni IBS 391 jammontaw ghas-somma ta' tliet elef, tliet mija u sitta u ghoxrin ewro u erbgha u disghin centenzmu (€3326.94);

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta kif ukoll l-istqarrija tal-imputat;

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikolu 325 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat **Joseph Degiovanni** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum filwaqt li tilliberah mill-addebitu tar-recidiva stante li ma tirrizultax.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**